**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru 823/2015**

**Il-Pulizija**

**Spettur Doriette Cuschieri**

**vs**

**Warren Muscat**

**Illum 2 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat lil Warren Muscat ta' 31 sena, bin Eugene u Maria nee Mills imwieled il-Pietà fl-24 t' April 1984 u residenti St Mary Flat 7 Triq Mater Boni Consilli Paola u detentur tad-dokument bin-numru 216384M.

Akkuzat talli:

F' dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2013 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, appropjajt ruhek billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hames mitt Euro (500) izda mhux aktar minn hamest elef (5000) Euro taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghek ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Ltd u/jew Malta Public Transport.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 8 ta' Marzu 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**Spettur Doriette Cuschieri** qalet li fi Frar 2013 rceviet kwerela minn naha tal-Arriva Mlata Ltd fuq is-sinjur Warren Muscat li kien impjegat mal-istess kumpanija. Gie allegat li huwa zamm xi flus li kienu tal-kumpanija fl-ammont ta' 3403.19 Euro. L-imputat kien jahdem bhala xufier fuq il-Bendy Bus. Meta gie arrestat u nterogat fuq il-kaz in kwistjoni huwa nnega li kien zamm xi flus. Huwa qal li l-problema kienet il-magna li kellha l-kumpanija meta kienu jiddepozitaw il-flus ghax kienu jkunu bil-hsara. Min-naha tal-Arriva kienu kelmuh dwar dawn il-flus u kien sar ftehim sabiex l-imputat irodd lura dawn il-flus. Illi fil-fatt gew esebieti diversi dokumenti fosthom ittra sabiex l-imputat jattendi intervista fuq dixxiplina, dokument iehor (DC 2) fejn allegatment l-imputat iffirma sabiex irodd lura l-flus kif ukoll dokument iehor dwar it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu (dok DC 3).

**Dr Joyce Cassar** qalet li kienet tahdem mal-Arriva bhala HR Manager u Discipline. Meta giet murija tlett dokumenti mmarkati bhala Dok DC1, DC2 u DC3 qalet li DC1 kien intbaghat sabiex l-impjegat fuq il-fondi li gew misapproprijati mit-tickets tas-sistema sabiex jigi halli jigi diskuss l-affarijiet. Waqt li dok DC2 huwa kkonferma fuq il-flus li kellu jaghti u li ma kienux gew depozitati. Illi fuq dock DC3, fejn l-impjegat kien gie infurmat fuq summary dismissal minhabba li l-affarijiet kienu serji hafna u ma giex eskluz li kienu se jittiehdu passi legali kontra tieghu. Hija qalet li kienet taf min kien l-imputat izda ma tistax tikkonferma jekk kienx il-persuna li kienet kelmet. Hija kkonfermat li fuq dok DC3 kienet iffirmat hi biss ghax l-impjegat ma kienx ikun iffirma fuqha. Waqt li dok DC2 ma kenitx hi li hargitu izda minn naha tal-finanzi izda tkun iffirmatu fil-prezenza tal-finanzi u tal-persuna l-ohra izda f'dan il-kaz ma tiftakarx jekk kienx iffirma quddiemha imma ghax il-procedura hija hekk.

**Rita Azzopardi** xehdet u qalet li tahdem ma' Malta Public Transport fejn ikkonfermat li l-ammont dovut kien ta' 3403.19 Euro u qatt ma kien hemm pagamenti.

**Carmen Galea** qalet li kienet tahdem bhala financial assistant mal-Arriva. Illi hija kienet giet infurmata li l-imputat kien naqas li jpoggi l-flus fl-iscan machine ghax kien jahdem bhala driver. Huwa kellu jaghti lura s-somma ta' 3403.19 Euro. Hi ikkonfermat li l-imputat kien iffirma document li huwa l-istess jinstab a fol 27. Fuq dan id-dokument hija iffirmat ukoll flimkien ma' dik ta' Joyce Cassar u l-imputat Warren Muscat. Id-dokument kien jigi iffirmat mill-persuna fil-prezenza taghhom. Ghalkemm kienet inbghatet ittra mill-avukat taghhom qatt ma kienu saru pagamenti mill-imputat. Hija ikkonfermat li l-impjieg tieghu kien gie terminat.

**Joseph Saliba** bhala rapprezentant tal-JobsPlus esebixxa l-employment history ta' Warren Muscat bhala dok JS1.

**Ikkunsidrat**

Rat in-nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata l-għoxrin (20) ta' Novembru, elfejn u tmintax (2018) meta huwa dehrlu illi mill-Kompilazzjoni tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taht dak li hemm maħsub:

1. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(b), 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li nhar l-20 ta' Dicembru 2018 inqraw l-Artikoli meta l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

**RWPC 3141 Janet Cicala** ikkonfermat li kienet giet imqabda mid-difiza sabiex jigi esebiet il-bail book tal-imputat li gie immarkat bhal dok JC1.

**Joseph Mallia** fejn qal li huwa kien gie mahtur bhala espert sabiex ikun jista' jaghmel ezami komparattiv bejn il-firma tal-imputat fuq id-dokument DC2 a fol 27 mal-bail book document JC 1. Huwa esebixxa rapport u gie mmarkat bhala dok JM1. Illi huwa ezamina il-firem ta' bejn it-2014, 2015 u 2016 li hemm fil-bail book. Illi l-imputat jiffirma b'mod differenti fejn jidher li firma hija differenti wahda mill-ohra. L-unika ittra li setghet tigi komparata hija dik bl-ittra W li hemm ukoll fid-dokument DC 2. Mod minnhom hija identika izda l-kumplament tal-firma hija totalment differenti u ma jirrizultax li l-imputat iffirma hekk.

Meta rega' xehed esebixxa rapport iehor dok JM2 li wkoll analizi komparattiv tal-firem tal-imputat. Illi fuq talba tad-difiza sabiex jigu analizzati firma li kien hemm fuq document tal-Arriva. Huwa kkonferma li seta' jahdem biss fuq l-ewwel ittra u cioe' fuq l-ittra W fejn instab li kienu kompatibbli mal-mod kif jiffirma bl-ittra W l-imputat. Huwa kkonferma li l-ittra W li kienet tidher fil-firma tal-Bail Book kif ukoll fid-dokument li kien hemm tal-Arriva huma kompatibbli.

Meta gie mistoqsi in kontro-ezami, ikkonferma li fid-dokument li kien hemm f'tal-Arriva l-ittra W hija dghajfa bhala evidenza.

**Warren Muscat** xehed u qal li huwa kien xufier mal-Arriva u kien isuq il-Bendy Buses. Huwa ssostna li ma kienx minnhu li ha dawk il-flus u mhux l-ewwel darba li kienu jiffirmaw id-dokumenti b'mod falz. Huwa zied jghid li qatt ma kien iffirma l-kuntratt li l-flus kienu dovuti. Skont hu kien qallhom li dik il-firma ma kenitx tieghu izda xorta baqghu jghidu li kienu se jiehdu passi kontrih. Illi meta qalulu fuq dawn il-flus, kienu kelmuh fejn qalulu li ma kienx tefa l-flus fil-magna u kienu urewh mis-sistema li qatt ma pogga dawn il-flus meta kellu zewg rotot differenti. Illi kompla jghid li s-sistema bdiet turi li kien hemm zball ghaliex is-sistema kienet difettuza. Illi huwa dejjem kien jaqbel mal-ammont li kien jitfa' fil-magna. Illi kull meta kien jirraporta xi hsarat qatt ma kienu jaghtu kasu izda tenna li huwa qatt ma ffirma dokumenti. Zied jghid li hu kull meta kien jitfa l-flus fil-magna dejjem qabel maghhom ghax kemm kien jitfa dejjem kien ikun bl-ezatt.

In kontro-ezami ikkonferma li kull xufier kellu pin-number fejn qal li gieli ra lin-nies tal-HR juzaw il-pin number taghhom biex jidhru certi xufiera li ma jkunux tajba. Meta mistoqsi dwar id-dokumenti DC2 u DC3 li kien iffirma quddiem zewg xhieda, huwa qal li kieku ha kien jghid li ha u kien hemm minn ha hafna aktar u ma tkellimx. Meta gie mistoqsi dwar id-dokumenti li kien inghata dwar it-terminazzjoni tal-impjieg u d-dokument l-iehor ghal hlas huwa qatt ma kien ghamel xejn ghax qatt ma kien iffirma document izda meta waqqfuh mix-xoghol ma kien ghamel xejn.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat kien xufier mal-kumpanija Arriva u minhabba l-fatt li kien johrog il-biljetti ghal passigieri kien jithallas u wara li jispicca mix-xoghol kien irid jiddepozita l-flus gewwa magna. Hareg li kull xufier kien ikollu pin number li huwa abbinat mal-persuna. Illi gara li l-imputat baghtu ghalih tal-Human Resources fejn infurmawh permezz ta' ittra rigward flus li kienu nieqsa u cioe' li ma kienx iddepozita il-flus tal-gurnata. Illi gara li kien iffirma document (ara dok DC2) fejn wieghed li kien sejjer ihallas lura dawn il-flus. Fil-fatt inharget ittra ohra fejn kien tkecca mix-xoghol minhabba f'hekk. Illi matul dawn il-proceduri inhatar espert sabiex janalizza l-firma li kien hemm fuq id-dokument DC2 ma' firem ohra tal-imputat. Illi mill-analazi li saret mill-istess espert hareg li l-unika ittra li kien kompatibbli mal-firem tal-imputat hija biss l-ittra W minhabba li l-bqija tal-firma ma setghetx tigi analizzata minhabba li ma kienx hemm indikazzjoni ta' forma ta' ittri. Illi pero gara li meta xehdu Joyce Cassar qalet li l-firma li kien hemm fuq il-karta u cioe' dok DC2 hija taghha pero ma tistax tghid jekk kenitx tiftakar li l-imputat kien iffirma hdejha. Waqt li Carmen Galea kkonfermat li l-imputat kien iffirma dan id-dokument fil-prezenza taghha. Illi meta xehed l-istess imputat huwa innega li qatt iffirma xi dokument ghax hu ma kellux ghalfejn jaghmel dan. Skont hu, l-magna li kienu juzaw sabiex jitfghu l-flus kienet tkun bil-hsara minn daqqiet u meta kien jirraporta ma kienux jaghtu kasu. Mhux l-ewwel darba li kien jara n-nies tal-Arriva jabbuzaw bil-pin number tal-impjegati halli jidhru koroh. Illi kompla jghid li l-firma fuq id-dokument ma kenitx tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat qed jigi addebitat b'imputazzjoni approprijazzjoni ndebita. Illi l-approprjazzjoni indebita hija kkontemplata fl-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Illi ghalkemm l-artikolu 293 jispecifika illi sabiex tirnexxi dina l-azzjoni kriminali jenhtieg il-kwerela tal-parti offiza, madanakollu l-artikolu 294 jiddisponi illi l-azzjoni titmexxa *ex officio* mill-pulizija meta l-oggett jigi fdat jew ikkunsinnjat lil hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni** deciza fid-**9 ta' Gunju 1998**, il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-element essenzjali li jsawwru dan ir-reat.

> *"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (sottolinjar tal-Qorti) (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana ir-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor daqs li kieku huwa kien il-proprjetarju ta' l-istess oggett.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

> *"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)*

Illi f'sentenza ohra deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gauci deciza fl-14 ta' Frar 1997, l-Qorti tispjega b'mod semplici l-elementi ta' dana ir-reat:

> *"Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u provata' jekk l-agent ma ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers."*

Illi dwar id-dolo mehtieg ghal kummissjoni ta' dana ir-reat il-Qorti taghmel pjena referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija v Dr. Seigfried Borg Cole** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-23 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti hemmhekk ghamlet referenza ghal dak li qal il-gurista Luigi Maino fuq il-kuncett tad-dolo necessarju ghal ezistenza ta' dan r-reat. (***Commento al Codice Italiano UTET (1922)*** Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):

> *"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, il dolo sara' costituito dalla volontarieta' Della conversasione con scienza della sua illegittimita', e dal fine di lucro; onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo … il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni Della giurisprudenza ed ai*

*deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*

Illi maghmula din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' approprijazzjoni indebita li jinsab akkuzat l-imputat fil-kawza odjerna, l-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern ma jistax jirruzulta r-reat ta' approprijazzjoni indebita. Fir-rigward tar-reat ta' in kwistjoni, l-prosekuzzjoni naqset turi kif effetivament il-process ta' dawn il-flus li kienu dovuti lis-socjeta' Arriva waslet ghaliha. Illi jidher b'mod car li l-prosekuzzjoni strahet fuq id-dokument li allegatament gie iffirmat mill-imputat. Illi pero fuq talba tal-istess difiza sabiex jinhatar espert hareg li ghalkemm l-ittra W fil-firma li kien hemm fuq id-dokument hija kompatibbli pero' l-istess espert ma setax jasal ghal konkluzjoni li dik hija l-firma tal-imputat. Ghalkemm Carmen Galea tghid li kien l-imputat li iffirma dan id-dokument, pero' mill-ezamit akkurat li ghamlet din il-Qorti johrog bic-car li ghalkemm hemm imnizzel l-isem ta' Warren Muscat, in-numru tal-karta tal-identita' li hemm imnizzel ma taqbel xejn ma' dik tal-imputat.

Illi l-Qorti rat kull dokument li gie esebiet mill-istess prosekuzzjoni u cioe' l-istqarrija tal-imputat, il-fedina penali kif ukoll l-estratt tac-certifikat tat-twelid kollha jindikaw li Warren Muscat ghandu l-karta tal-identita' bin-numru 216384M. Illi pero' fid-dokument mahrug li suppost gie iffirmat mill-istess imputat Warren Muscat il-persuna indikata ghandha l-karta tal-identita' bin-numru 109168M. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara li dawn iz-zewg numri tal-karta tal-identita' li hemm jistghu jappartjenu ghall-istess persuna. Illi mix-xhieda li tresqu hadd minnhom ma ghamel referenza li kien hemm xi zball fuq xi document. Illi l-imputat dejjem baqa' jinnega li huwa kien iffirma xi document ghal xi hlas, u ghalhekk ma jistax jinghad bic-certezza li dak id-dokument u cioe' specjalment dok DC2 huwa tal-imputat meta ghandek ukoll dubji dwar jekk il-firma hiex tal-imputat u wara li ghandek ukoll numru tal-karta tal-identita' differenti. Il-Qorti jidrilha li r-reat ta' misapproprijazzjoni ma' jistax jissussisti.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 310(1)(b) u 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Dr. Federico Barbaro-Sant**
**Deputat Registratur**